**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 18 ta' Jannar 2024**

**Rik. Mand. Nru.: 97/2023/2 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**TE**

**Vs**

**WS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TE datat 28 ta' Gunju 2023, li wara gie ddikjara dak premess, huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

> *Illi l-esponenti ghandu interess illi l-minuri hawn taht imsemmi ma jittihidx barra minn Malta ;*
>
> *Illi l-intimata hija persuna li ghandha jew li tista ikollha il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmi minuri ;*
>
> *Illi gia hemm proceduri li gew inizjati quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-14 ta' Gunju 2023, Rik.Gen Nru. 333/23JPG u rikors guramentat ipprezentat kontestwalment illum ;*
>
> *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat jew l-intimati fejn huwa/hija/huma jigi/tigi/jigu ordnat/i milli*

*jiehu/tiehu/jiehdu/ jew jippermetti/tippermetti/jippermettu lil xi hadd jiehu/tiehu/jiehdu l-imsemmi minuri barra minn Malta ;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi fl-udjenza tat-31 ta' Lulju 2023, l-intimata tat ruhha b'notifikata bl-atti processwali, stante li hija kienet ghadha ma gietx notifikata bir-rikors promotur izda giet notifikata biss bl-avviz tas-smigh u l-verbal. Illi di piu informat lil din il-Qorti illi essenzjalment hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni stante illi hija u bintha ilhom jghixu Malta ghal tnejn u ghoxrin sena u mhux bi hsiebhom jitraslokaw minn hawn izda toggezzjona proceduralment stante li c-certifikat tal-minuri SB, imkien ma jifferferi ghall-attur. (*vide verbal a fol 8)*

Rat illi fl-udjenza tat-31 ta' Lulju 2023, din il-Qorti ghalqet l-istadju tal-provi tal-attur fuq nuqqas ta' interess u in vista tal-fatt li dawn huma proceduri ta' natura urgenti. *(vide verbal a fol 8)*

Rat in-nota prezenata mill-intimata datata 1 ta' Awwissu 2023 *a fol 10;*

Rat ir-rikors tal-attur datat 3 ta'Awwissu 2023 *a fol 12* fejn intalbet is-sosspensjoni tal-prolazzjoni tad-digriet u sabiex tingahata opportunita lill-attur biex jixhed u jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu.

Rat id-digriet tal-14 ta' Awwissu 2023, fejn din il-Qorti cahdet it-talba tal-attur stante li l-avukat David Camilleri fl-ebda hin tal-gurnata ma deher ghas-seduta tal-31 ta' Lulju 2023 b'dana illi l-ahhar kawza fuq il-lista ta' dik il-gurnata kienet msejha fil-12.15pm.

Rat id-digriet taghha datat 21 ta' Awwissu 2023*, (vide fol 14 et seq)* fejn wara l-konsiderazzjonijiet maghmula, din il-Qorti ma qiesitx li jezistu r-rekwiziti indikati mill-ligi ghall-hrug ta' Mandat t' Impediment ta' Paretnza ta' minuri ma gewx sodisfatti mir-rikorrenti u ghalhekk cahdet it-talba ghall-hrug tal-imsemmi mandat;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 23 ta' Awwissu 2023 (vide fol 20 et seq) fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-21 ta' Awwissu 2023, u tappunta r-rikors ghas-smiegh;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta'Awwissu 2023 (vide fol 22) fejn ordnat lill-attur jigguramenta l-istess rikors u ordnat notifika bi dritt ta' risposta;

Rat ir-risposta tal-intimata datat 22 ta' Settembru 2022 (vide fol 25 et seq) fejn talbet lil din il-Qorti tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tikkonferma d-digriet taghha tal-21 ta' Awwissu 2023;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2023, (vide fol 27 et seqq.) fejn wara l-konsiderazzjonijiet maghmula, irrevokat contrario imperio id-digriet taghha tal-21 ta' Awwissu 2023, u appuntat ir-rikors ghas-smigh;

Semghat ix-xhieda;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-intimata xehdet nhar it-12 ta' Ottubru 2023, (vide fol 36 et seq)*** u spjegat illi hi dejjem ghexet hawn Malta u issa ilha tghix Malta madwar tnejn u ghoxrin (22) sena. Izzid illi l-minuri twieldet Malta u tghix Malta, u tattendi skola Malta. Il-minuri li ghandha hdax- il sena, (11) hija stabbilita Malta.

**Spjegat illi l-attur ilhu tnax (12) il sena ma jara lill-minuri**, u kienet dejjem hi li hadmet ghaliha, u li rabbitha, u kienet hi li dejjem refghet ir-responsabbilita' li ggib maghha t-trobbija tal-ulied. Izzid illi fl-iskola primarja, il-minuri kienet tigi minn ta' l-ewwel fl-ezamijiet. Tishaq illi t-tifla llum qieghda fl-ewwel sena tas-sekondarja, u li hi (l-intimata) ma ghandha ebda intenzjoni li titlaq minn Malta.

Isostni illi kien biss is-sena l-ohra li l-attur cempillha li ried jara lit-tifla, u laqghatu ghandha d-dar, laqqghatu mal-minuri il-ghaliex tifhem li b'xi mod dak hu missierha. Illi pero' l-attur spicca jghajjat u jsabbat wara li kellhom problema u keccietu 'l barra mid-dar. **Izzid illi l-attur qatt ma ghadda manteniment ghat-tifla, u lanqas qatt ma urieha li hu missierha**. Issostni illi lanqas offra s-support tieghu meta l-minuri kellha taghmel intervent mediku fl-eta ta' tlett (3) snin.

**Xehdet illi l-attur kien heddidha illi issa li huwa stabbilit, ser jiehu lill-minuri.**

In ***kontro-ezami,*** l-intimata ikkonfermat illi hi mhux dejjem ghexet Malta u ma cahditx li l-attur huwa il-missier bjologiku tal-minuri. **Fir-rigward tispjega illi meta hi kienet infurmat lill-attur li hi kienet harget tqila, l-attur kien qalilha biex tkorri, jew tnehhi t-tarbija.** Tishaq illi hu kien telaqha ma regghetx ratu b'ghajnejha. Izzid illi l-minuri ma tafx minn hu missierha, u l-genituri taghha kienu zewguha. Tikkonferma illi hi ma fethet l-ebda proceduri kontra l-attur. Tikkonferma illi meta hi xehdet li l-attur qalilha illi hu ghandu l-flus u lest ihallas biex jiehu lit-tifla, dan id-diskors sar fuq it-telefon, illi pero ghandha ukoll bil-kitba. Mistoqsija jekk l-attur kienx jaghmel kuntatt permezz ta' telefonati u messaggi, l-intimat twiegeb fl-affermativ izda tichad li qatt talabha ikellem lill-minuri u izzid illi meta marret biex tirregistra lill-minuri, kienet talbitu karta fejn huwa jindika illi kien il-missier **izda l-attur ma riedx jaghmel dan. Tikkonferma illi hi ma kienitx mexxiet biex isir DNA.**

Mistoqsija jekk taf li l-attur fetah proceduri sabiex jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri, l-intimata spjegat illi l-avukata taghha qalilha b'dawn il-proceduri ghar-rikonoxximent.

***L-attur xehed nhar it-13 ta' Novembru 2023, (vide fol 52 et seq)*** u spjega illi bejn is-sena 2009 u is-sena 2011, hu kien joqghod hdejn l-intimata Bugibba. Izid illi hu kien izzewweg lill-intimata bir-rit Musulman fil-Moskea ghand l-Imam Saadi, izda l-intimata kienet qaltlu li hi kienet mizzewga certu Libjan, li kienet iddivorzjata u li minghand din il-persuna kellha tifel. Wara li zzewwgu, kienu ghamlu sena flimkien, u meta harget tqila l-ewwel darba kienet korriet. Illi eventwalment kienu ddecidew li jisseparaw. Izzid illi dak iz-zmien hu ma kienx qieghed Malta legalment u l-intimata bdiet taghmillu iktar problemi. Fl-istess perjodu kienet bdiet il-gwerra is-Sirja, kien

miet huh, ommu kienet ukoll ma tiflahx u minhabba dan, kien mar lura pajjizu. Dak iz-zmien l-intimata kienet tikkomunika mieghu u anke mal-familja tieghu, u kienet infurmatu li kellha tifla u li jisimha Selma. Jishaq illi minhabba s-sitwazzjoni li gabet maghha l-gwerra, ma kienx possibbli li jigi lura Malta, izda dejjem kien f' komunikazzjoni mal-intimata u ghandu ritratti tal-minuri minn meta kienet zghira sakemm kibret.

Jixhed illi hu kien jibghat bejn mija jew mitejn ewro lill-intimata ma certu Ahmed izda ta'dan m'ghandux prova pero' jinsisti illi baghtilha ukoll xi flus bil-Western Union. Spjega illi meta l-intimata kienet marret mal-ex ragel taghha u binha l-Libja, kien irnexxilha tahrab bit-tifel mill-Libja u issa qieghda timpika mieghu li hi trid li tmur tghix mal-minuri l-Ingilterra. Isostni illi dan sar jafu mill-intimata. Ghalkemm kien hemm zmien fejn kienet taqta' l-kuntatt, l-intimata kienet terga' tirristawra kuntatt skond il-burdata taghha. Izid illi l-ahhar li kien Malta, f'Lulju, kien ghamel ghaxart ijiem maghha. Meta kien gie Malta, l-intimata marret tilqghu l-ajruport u l-attur kien gab rigal ghat-tifla. Izid illi l-intimata kienet sorpriza kif it-tifla granfat mieghu u kif qisu kienu ilhom jafu lil xulxin zmien twil. Fl-ahhar jumejn, l-intimata kienet offendietu quddiem it-tifla u keccietu 'l barra u kien minn hemm li huwa ddeciedha li jintavola proceduri legali.

Isostni illi familtu mhux kuntenta bil-fatt li qisu abbanduna lit-tifla, u hu jrid li jirregistraha fuq ismu, u jaghmel id-dmir tieghu bhala missier. Jikkonferma illi hu iltaqgha mal-minuri darba biss, ghaliex l-intimata ma hallietux jaraha iktar. Izid illi l-intimata ghamlet sena tghix l-Ingilterra.

***Bader Zina, traduttur, appuntat minn din il-Qorti xehed nhar it-13 ta' Novembru 2023, (vide fol 56 et seq***) u spjega illi l-messaggi li gie mitlub jittraduci mill-Gharbi ghall-Malti. Jishaq illi d-dokument WS 1 ikompli mad-dokument WS3 li huma jsegwu lil xulxin. Jixhed illi saret ukoll traduzzjoni tal-kliem li hemm go l-imagni.

***Ri-prodott nhar il-5 ta' Dicembru 2023, (vide fol et seq),*** mistoqsi minn din il-Qorti kemm il- darba vversa manteniment ghall-minuri, l-attur jikkonferma illi huwa ghaddha manteniment, u meta hu kien is-Sirja kien ikun il-gar tieghu li mieghu kellu arrangement li kien jaghtiha l-manteniment bejn Eur 250 u EUR 400. Mistoqsi jekk

ghandux provi ta' dan l-attur isostni illi dan sar tramite l-gar tieghu izda fis-sena 2019, meta huwa kiseb residenza gewwa Slovenia, kien jibghatilha manteniment tramite l-Western Union, pero meta talba evidenza ta' dan lil Western Union, ma nghatax kopji. Jikkonferma illi ma pruvax jikseb provi ta' dawn it-transazzjonijiet minn Malta. Izid illi s-sena l-ohra, qablu li jibghatilha tramite l-banek lokali.

L-attur jikkonferma illi ilu jghix is-Slovenia mis-sena 2018, u qabel kien qieghed is-Sirja u t-Turkija, fejn it-Turkija ghamel mill-ahhar tas-sena 2011 sa Ottubru tas-sena 2018 imbaghad telaq ghas-Slovenia.

Jikkonferma illi hu zzewweg lill-intimata fil-Moskea ta' Rahal Gdid, u dan iz-zwieg ma giex registrat fir-Registru Pubbliku.

***Bader Zina ri-prodott nhar il-5 ta' Dicembru 2023, (vide fol et seq)*** ikkonferma r-rapport minnu mhejji u spjega illi s-suggett tal-korrispondenza hija fuq tifel u tifla, u affarijiet relatati mar-relazzjoni li kellhom il-partijiet. Illi filwaqt li certu messaggi intbaghtu minn *Whatsapp* ohrajn huma messaggi ordinarji.

**Ikkonsidrat:**

Illi wara li din il-Qorti rrevokat *contrario imperio* id-digriet taghha tal-21 ta' Awwissu 2023, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma lill-partijiet *viva voce*. Dawn proceduri jirrigwardaw l-impediment *o meno* tal-partenza tal-minuri SB li twieldet nhar it-18 ta' Lulju 2012 li ghandha hdax (11)- il sena. Illi mic-certifikat tat-twelied ezebit mill-intimata permezz tan-nota datat 1 ta' Awwissu 2023 in atti, il-minuri SB hija registrata bhala bint l-intimata WB nee S, u certu CB imwieled il-Pieta' Malta.

Illi mix-xhieda tal-partijiet, jirrizulta illi l-minuri in kwistjoni tista' effettivament tkun bint ir-rikorrenti stante li waqt li r-rikorrenti jsostni li SB hija bintu, l-intimata ma tichadx li r-rikorrenti jista' jkun missierha. Jirrizulta pero illi tests tad-DNA fuq SB ghadhom ma sarux. Din il-Qorti qieset ukoll illi l-intimata omm, mhux biss ma cahditx li l-minuri hija bint ir-rikorrenti waqt it-testimonjanza taghha, izda indikat l-intimat qatt ma kellu rapport mal-minuri, qatt ma vversa manteniment, u l-persuna indikata bhala missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twlied huwa effettivament zewgha.

**Ikkonsidrat;**

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta."***

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-mandat ghal inbizzjoni tal-partenza ta' minuri, jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-mandat t'inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenti ghalhekk jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew**

**in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[1]

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tibda billi tissottolinea illi l-mandat t'impediment ta' partenza ta' minuri huwa mizura straordinarja li ghandha tintuza fl-ahjar interess tal-minuri, u mhux sabiex genitur ikun jista' jzomm li genitur l-iehor ostagg.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, wara studju tal-fatti specie tal-kas odjern illi ir-rikorrenti effettivament jista' ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat. Stabbilt dan, din il-Qorti trid issa tezamina **jekk il-grad ta` pregudizzju** li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, **huwiex tali li jrrendih irrimedjabbli.**

Minn provi in atti jirrizulta illi minkejja dak li jghid l-attur huwa stabbilit mill-provi u ammess minnu stress illi l-attur ra lil bintu darba wahda biss fi hdax-il sena li hajja. Di

[1] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

piu', minkejja li jishaq li dejjem mantna lil bintu dawn l-ahhar hdax-il sena, ma ingghabitx xrara ta prova dwar tali hlas.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti taghraf li ma hemm ebda biza' reali jew perikolu li l-intimata ser tahrab minn Malta bit-tifla. Ghall-kuntrarju, il-provi jindikaw li l-intimata u bintha huma stabbiliti ferm f'Malta. Illi ghaldaqstant, il-Qorti tqis li mhux biss ma giex ipprovat pregudizzju irrimeddjabbli da parti tal-attur izda l-Qorti tinsab preokkupata li dawn il-proceduri qieghdin jintuzaw mill-attur bhala arma biex izomm l-intimata ostagg ghall-finijiet tieghu.

Di piu' ma huwiex fl-interess tal-minuri SB li tigi impedita milli ssiefer imkien ma ommha sakemm jigu terminati il-proceduri ta' filjazzjoni li l-attur ghazel li jinizzja hdax-il sena wara t-twelid ta' bintu.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad t-talba tar-rikorrenti u tirrevoka d-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2023 li bih laqghet il-mandat provizorjament.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lill-Awtoritajiet koncernati.**

**L-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**